IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2015
COM(2015) 450 final

2015/0208 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Mejju 2015[1] tiddeskrivi miżuri immedjati meħtieġa biex jirrispondu għall-isfidi urġenti u kumplessi li hemm bħalissa fil-qasam tal-migrazzjoni, kif ukoll inizjattivi fuq terminu medju u terminu twil li jeħtieġ li jittieħdu biex jipprovdu soluzzjonijiet strutturali biex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar fl-aspetti kollha tagħha.

Bħala parti mill-miżuri immedjati, fis-27 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja[2], li permezz tagħha attivat is-sistema ta' rispons ta' emerġenza maħsuba fl-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill wasal għal approċċ ġenerali rigward din id-Deċiżjoni[3] li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni temporanju u eċċezzjonali għal persuni fi bżonn evidenti ta' protezzjoni internazzjonali mill-Italja u mill-Greċja lejn Stati Membri oħra matul perjodu ta' sentejn. Il-Kunsill għandu formalment jadotta d-Deċiżjoni ladarba l-Parlament Ewropew jagħti l-opinjoni tiegħu, li hija mistennija f'Settembru 2015.

Minħabba l-flussi ta' migranti mingħajr preċedenti li komplew jiżdiedu fl-Italja u l-Greċja, u ċ-ċaqliqa tal-flussi migratorji mill-Mediterran Ċentrali lejn il-Mediterran tal-Lvant u r-rotta tal-Balkani tal-Punent lejn l-Ungerija, il-Kummissjoni adottat [fid-9 ta' Settembru 2015] proposta oħra msejsa fuq l-Artikolu 78(3) TFUE li fiha iktar miżuri proviżorji biex itaffu l-pressjoni tal-ażil minn fuq l-Italja u l-Greċja, kif ukoll miżura ġdida għall-benefiċċju tal-Ungerija.

Il-Kummissjoni Ewropea ħabbret ukoll li l-attivazzjoni tas-sistema ta' rispons ta' emerġenza taħt l-Artikolu 78(3) TFUE se tkun il-prekursur ta' soluzzjoni fit-tul. F'dak ir-rigward, ħabbret li sal-aħħar tal-2015 se tfassal proposta leġiżlattiva għal sistema permanenti ta' rilokazzjoni li għandha tiġi attivata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

L-għan ġenerali ta' din il-proposta leġiżlattiva huwa li tiżgura li l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha mekkaniżmu robust ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi biex jittratta strutturalment sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-ażil b'mod effettiv. Tali mekkaniżmu għandu jkun attivat malajr fir-rigward ta' kwalunkwe Stat Membru li jesperjenza sitwazzjonijiet ta' kriżi tant kbar li saħansitra jkunu ta' strapazz sinifikanti fuq sistemi tal-ażil imħejjija tajjeb u li jiffunzjonaw, filwaqt li jitqies ukoll id-daqs tal-Istat Membru kkonċernat. Il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni propost jimmira li, minn naħa, jiżgura li f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jkun hemm qsim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri għal numri kbar ta' applikanti fi bżonn evidenti ta' protezzjoni internazzjonali, u min-naħa l-oħra, li s-sistema ta' Dublin, inkluż il-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, tiġi applikata kif suppost. Filwaqt li l-proposta għandha l-għan li tintroduċi fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 mekkaniżmu ta' rilokazzjoni fi kriżi bħala qafas permanenti għall-

[1] COM(2015) 240 finali.

[2] COM(2015) 286 finali.

[3] 11132/15, 24 ta' Lulju 2015.

implimentazzjoni ta' miżuri ta' rilokazzjoni, dawn il-miżuri se jiġu applikati fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi speċifiċi fi Stat Membru partikolari, u, minnhom infushom, se jibqgħu temporanji.

- **Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Approċċ komprensiv dwar il-migrazzjoni

Il-proposta hija parti minn approċċ komprensiv u sistemiku lejn il-migrazzjoni li talbuh l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, u li l-Kummissjoni bdiet timplimenta mill-ewwel wara l-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Element essenzjali sabiex tiġi ggarantita l-effettività ta' approċċ komprensiv bħal dan huwa li jiġi żgurat li l-politiki jiġu implimentati fil-post b'mod koerenti u kumplementari. Għaldaqstant, fejn meħtieġ fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika ta' Stat Membru, il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi għandu jkun kumplementat minn miżuri addizzjonali fuq il-post li għandu jieħu dak l-Istat Membri, sa minn meta jaslu fit-territorju tiegħu ċittadini ta' pajjiż terz sa ma jintemmu l-proċeduri applikabbli kollha. Taħt l-approċċ "HotSpot" li qiegħda tipproponi l-Kummissjoni, l-Aġenziji tal-UE se jagħtu appoġġ immirat u komprensiv lil Stati Membri li qegħdin jiffaċċjaw pressjonijiet migratorji sproporzjonati fil-fruntieri esterni tagħhom. Is-sostenn operazzjonali li jista' jiġi mogħti permezz ta' dan l-approċċ jinkludi r-reġistrazzjoni u t-tgħarbil ta' migranti irregolari, l-għoti ta' informazzjoni lill-migranti irregolari, appoġġ għall-ażil billi l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jiġu mgħoddija mill-proċedura tal-ażil xierqa u permezz tal-assistenza għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll it-tħejjija tal-fajls tal-każijiet, l-intensifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni għall-finijiet tal-investigazzjonijiet dwar netwerks kriminali li jiffaċilitaw il-migrazzjoni irregolari lejn l-UE kif ukoll ċaqliq sekondarju fl-UE, u l-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet tar-ritorn.

Dan l-isforz kollettiv se jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw il-pressjoni migratorja b'mod iktar rapidu u effettiv, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, kif ukoll isaħħilhom il-kapaċitajiet tagħhom biex jiffaċċjaw il-migrazzjoni, l-ażil, kif ukoll sfidi għas-sigurtà interna.

Interazzjonijiet ma' skemi ta' rilokazzjoni ta' emerġenza abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE

Għandha ssir distinzjoni bejn il-proposta li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u l-proposti adottati mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE għall-benefiċċju ta' ċerti Stati Membri li jiffaċċjaw dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorji tagħhom.

Filwaqt li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE huma proviżorji, il-proposta li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni fi kriżi tintroduċi metodu biex jiġi determinat għal perjodu temporanju f'sitwazzjonijiet ta' kriżi liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jkunu saru fi Stat Membri kkonfrontat b'sitwazzjoni ta' kriżi, bl-għan li tiġi żgurata distribuzzjoni iktar ġusta bejn l-Istati Membri f'sitwazzjonijiet bħal dawn u b'hekk jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-sistema ta' Dublin anki fi żminijiet ta' kriżi.

Din il-proposta tistipula kundizzjonijiet stretti biex il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni fi kriżi jiġi attivat fir-rigward ta' Stat Membru, b'mod partikolari l-fatt li l-Istat Membru jkun ikkonfrontat b'sitwazzjoni ta' kriżi li tipperikola l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin minħabba

pressjoni estrema kkaratterizzata minn dħul kbir u sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi, li titlob ħafna mis-sistema ta'ażil tiegħu.

It-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kunsill jadotta, fuq proposta tal-Kummissjoni, miżuri proviżorji għall-benefiċċju ta' Stat Membru li jkun ikkonfrontat b'sitwazzjoni ta' emerġenza kif ikkaratterizzata mill-Artikolu 78(3) TFUE. L-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE tibqa' rilevanti f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali fejn reazzjoni għal emerġenza, li possibbilment tinkludi appoġġ migratorju usa', tkun meħtieġa, jekk il-kundizzjonijiet biex jintuża l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi ma jkunux issodisfati.

Emendi futuri possibbli tar-Regolament (UE) Nru 604/2013

KIF IMĦABBAR FL-AĠENDA EWROPEA DWAR IL-MIGRAZZJONI U F'KONFORMITÀ MAL-OBBLIGI LI JINBTU MIR-REGOLAMENT (UE) NRU 604/2013, IL-KUMMISSJONI BĦALISSA QIEGĦDA TWETTAQ KONTROLL TAL-IDONEITÀ TAS-SISTEMA TA' DUBLIN, BILLI TWETTAQ RIEŻAMI BBAŻAT FUQ L-EVIDENZA LI JKOPRI L-EFFETTI ĠURIDIĊI, EKONOMIĊI U SOĊJALI TAS-SISTEMA, FOSTHOM L-EFFETTI TAGĦHA FUQ ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI. DAN IX-XOGĦOL SE JKUN IL-BAŻI GĦAL REVIŻJONI ULTERJURI TAS-SISTEMA TA' DUBLIN, B'MOD PARTIKOLARI BIL-ĦSIEB LI JINKISEB TQASSIM IKTAR ĠUST TA' APPLIKANTI GĦAL PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI FL-EWROPA F'KULL ĊIRKOSTANZA, U MHUX BISS F'SITWAZZJONIJIET TA' KRIŻI.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ, IL-PROPORZJONALITÀ, ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

- **Il-bażi ġuridika**

Din il-proposta temenda r-Regolament UE Nru 604/2013 u għaldaqstant għandha tiġi adottata fuq l-istess bażi ġuridika, jiġifieri l-Artikolu 78, it-tieni paragrafu, il-punt (e) TFUE, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi li jinsab f'din il-proposta jinvolvi derogi permanenti, li għandhom jiġu attivati f'sitwazzjonijiet speċifiċi ta' kriżi għall-benefiċċju ta' Stati Membri speċifiċi, notevolment mill-prinċipju stipulat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li skontu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiġi eżaminata mill-Istat Membru li l-kriterji stipulati fil-Kapitolu III jindikaw li huwa responsabbli. Minflok dan il-prinċipju, il-proposta tistabbilixxi, għal ċirkostanzi ta' kriżi preskritti sew, koeffiċjent mandatorju għat-tqassim biex tkun determinata r-responsabbiltà tal-analiżi tal-applikazzjonijiet.

- **Il-ġeometrija varjabbli**

F'konformità mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Huma għandhom din l-għażla wkoll wara li l-proposta tiġi adottata.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta permezz tar-Regolament 604/2013, wara n-notifika tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ibbażat fuq il-Protokoll imsemmi hawn fuq. Il-pożizzjoni ta' dawn l-Istati Membri fir-rigward

tar-Regolament 604/2013 ma taffettwax il-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tas-sehem possibbli tagħhom f'dan ir-Regolament[4].

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Madankollu, peress li d-Danimarka tapplika r-Regolament ta' Dublin preżenti, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali li hi kkonkludiet mal-KE fl-2006[5], hi għandha, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk hijiex se timplimenta jew le l-kontenut tar-Regolament emendat.

- **L-impatt tal-proposta fuq pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE assoċjati mas-sistema ta' Dublin**

B'mod parallel mal-assoċjazzjoni ta' bosta pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE mal-acquis ta' Schengen, l-Unjoni kkonkludiet bosta ftehimiet li jassoċjaw dawn il-pajjiżi anki mal-acquis ta' Dublin/Eurodac:

– il-ftehim li jassoċja lill-Iżlanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001[6];

– il-ftehim li jassoċja lill-Iżvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar 2008[7];

– il-Protokoll li jassoċja lil-Liechtenstein, iffirmat fis-7 ta' Marzu 2011[8].

Sabiex jiġu maħluqa drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka – li, kif spjegat hawn fuq, kienet assoċjata mal-acquis ta' Dublin/Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħra bejn il-Komunità u l-pajjiżi assoċjati[9].

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati jaċċettaw l-acquis ta' Dublin/Eurodac u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma

---

4 Għal tali Stat Membru, il-fatt li ma jipparteċipax fir-Regolament ta' emenda ma jidhirx li jagħmel l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin kif emendat inoperabbli fis-sens tal-Artikolu 4a tal-Protokoll 21.

5 Il-Ftehim bejn ir-Renju tad-Danimarka u l-Komunità Ewropea dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit Stat responsabbli għall-analiżi ta' talba għall-ażil magħmula fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għall-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 66 8.3.2006, p. 38).

6 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterji u mekkaniżmi għall–istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil preżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja, (ĠU L 93, 3.4.2001, p.40).

7 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5)

8 Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (ĠU L 160, 18.6.2011 p. 39).

9 Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (konkluż fl-24 ta' Ottubru 2008, ĠU L 161, 24.06.2009, p. 8) u l-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001 - Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 19, Vol. 04, p. 78).

jieħdux sehem fl-adozzjoni ta' kull att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin (inkluża għalhekk din il-proposta) iżda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien mogħti bid-deċiżjoni tagħhom jekk humiex se jaċċettaw il-kontenut ta' dak l-att jew le, ladarba jiġi approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Fil-każ li l-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera jew il-Liechtenstein ma jaċċettawx att li jemenda jew jibni fuq l-acquis ta' Dublin/Eurodac, il-ftehimiet rispettivi jintemmu, sakemm il-Kumitat Konġunt/Imħallat stabbilit mill-ftehimiet ma jiddeċidix mod ieħor b'mod unanimu.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

It-Titolu V tat-TFUE dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti lill-Unjoni Ewropea ċerti setgħat dwar dawn il-kwistjonijiet. Dawn is-setgħat iridu jitħaddmu skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u sa fejn l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Il-proposta tintroduċi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni maħsub biex sitwazzjonijiet ta' kriżi fi kwalunkwe Stat Membru li jkunu nħolqu minn dħul kbir u sproporzjonat ta' persuni jkunu jistgħu jiġu ttrattati strutturalment, u biex jinkiseb tqassim ġust ta' responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri fi żminijiet ta' kriżi, li jinvolvi deroga mill-kriterji għall-allokazzjoni tar-responsabbiltà li jinsab fir-regolament ta' Dublin. Minnha nfisha, l-azzjoni tal-UE tintervjeni biss meta Stat Membru ma jkunx jista' jlaħħaq mas-sitwazzjoni waħdu. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-applikazzjoni korretta tas-sistema ta' Dublin fi żminijiet ta' kriżi u li titratta l-kwistjoni taċ-ċaqliq sekondarju ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn l-Istati Membri, problema li min-natura tagħha hija transnazzjonali. Huwa ċar li l-azzjonijiet ta' Stati Membri individwali ma jistgħux iwieġbu b'mod sodisfaċenti għall-isfidi komuni li l-Istati Membri kollha qed jiffaċċjaw f'dan il-qasam. Il-prinċipji tas-solidarjetà u r-responsabbiltà kondiviża jagħmlu l-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam essenzjali.

- **Il-proporzjonalità**

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 ma jipprevedix, fil-forma preżenti tiegħu, għal għodda li jippermettu reazzjonijiet suffiċjenti għal sitwazzjonijiet fejn ikun hemm pressjoni estrema tagħfas fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri. Il-miżuri varji finanzjarji u operazzjonali disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea u għall-EASO biex jappoġġjaw is-sistemi tal-ażil ta' bosta Stati Membri rriżultaw li ma kinux biżżejjed biex is-sitwazzjonijiet ta' kriżi jiġu indirizzati minnhom biss. Sabiex jiġi provdut qafas adegwat għal sitwazzjonijiet urġenti u severi fil-qasam tal-ażil, l-għażla għal iktar azzjoni mill-UE f'dan ir-rigward ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Bħala riżultat tal-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni fi kriżi, id-drittijiet fundamentali, kif previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, ("il-Karta") tal-applikanti fi bżonn evidenti ta' protezzjoni internazzjonali, se jiġu salvagwardati

B'mod partikolari, billi tiżgura aċċess rapidu lill-persuni kkonċernati għal proċedura adegwata biex jingħataw protezzjoni internazzjonali, din il-proposta għandha l-mira li tħares id-dritt għall-ażil u li tiżgura protezzjoni kontra n-*non-refoulement,* kif previst fl-Artikoli 18 u 19 tal-Karta. Barra minn hekk, billi tiżgura t-trasferiment tal-persuni kkonċernati lejn Stat Membru li jkun f'pożizzjoni li jagħtihom kundizzjonijiet adegwati ta' akkoljenza u perspettivi ta'

integrazzjoni, din il-proposta timmira li tiżgura r-rispett sħiħ għad-dritt tad-dinjità u għall-protezzjoni kontra t-tortura u t-trattament jew il-pieni inumani jew degradanti, kif previst fl-Artikoli 1 u 4 tal-Karta. Din id-Deċiżjoni għandha wkoll l-għan li tħares id-drittijiet tat-tfal, skont l-Artikolu 24 tal-Karta, u d-dritt għall-għaqda tal-familja, skont l-Artikolu 7 tal-Karta.

3. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-proposta li tistabbilixxi mekkaniżmu biex is-sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-ażil jiġu ttrattati b'mod strutturali hija ppreżentata bħala riżultat ta' kriżi prevalenti fil-qasam tal-ażil f'bosta Stati Membri li turi l-bżonn urġenti għal sistema iktar strutturali għall-azzjoni rapida mill-Unjoni. Il-proposta hija segwitu għall-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni li dwarha saret konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha interessati.

Istituzzjonijiet tal-UE u atturi ewlenin oħra diġà esprimew l-opinjonijiet ġenerali tagħhom dwar dan is-suġġett. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2015, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu li jikkunsidra l-opzjonijiet biex jorganizza r-rilokazzjoni ta' emerġenza bejn l-Istati Membri kollha fuq bażi volontarja. Fil-kuntest tad-diskussjoni dwar l-Aġenda dwar il-Migrazzjoni, il-Parlament Ewropew (fis-sessjoni plenarja tad-19 ta' Mejju 2015) u l-Kunsill (il-15 ta' Ġunju 2015) skambjaw il-fehmiet ukoll dwar il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni. Fir-rapport tiegħu, il-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta għal skema ta' rilokazzjoni permanenti, li tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[10].

Il-UNHCR u s-soċjetà ċivili talbu lill-EU biex timpenja ruħha favur iktar għodod ta' solidarjetà intra-UE u biex tiżgura sistema ta' tqassim iktar ġust għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET FUQ IL-BAĠIT

It-twaqqif ta' qafas permanenti għal mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi ma jinvolvi l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE. L-implikazzjonijiet baġitarji tal-attivazzjoni tal-qafas għandhom jiġu evalwati skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' Stati Membri partikolari.

5. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta temenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 billi tintroduċi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u billi tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-attivazzjoni tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu kif ukoll tas-sospensjoni tagħha fir-rigward ta' Stat Membru partikolari, taħt kundizzjonijiet stipulati b'mod ċar.

L-elementi essenzjali li ġejjin huma previsti:

- **Il-kundizzjonijiet sabiex jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi fir-rigward ta' Stat Membru**

Biex tattiva l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi, fuq il-bażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari informazzjoni miġbura mill-EASO

[10] Ir-Rapport dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, Rapporteur: Ska Keller (A8-0245/2015).

u mill-Frontex, li Stat Membru jkun qed iħabbat wiċċu ma' sitwazzjoni ta' kriżi li tipperikola l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 minħabba pressjoni estrema kkaratterizzata minn influss kbir u sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi, li titfa' piż sinifikanti fuq is-sistema tal-ażil tiegħu. Is-sitwazzjoni ta' kriżi għandha tkun ta' portata tali li titfa' pressjoni estrema anki fuq sistemi tal-ażil imħejjija tajjeb u li jiffunzjonaw, filwaqt li tikkunsidra wkoll id-daqs tal-Istat Membru kkonċernat.

Fil-proposta huma previsti indikaturi ċari li l-Kummissjoni għandha *inter alia* tqis f'din il-valutazzjoni: l-għadd totali ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali kif ukoll ta' dħul irregolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi matul is-sitt xhur ta' qabel l-adozzjoni tal-att delegat, iż-żieda f'numri bħal dawn meta mqabbla mal-istess perjodu fis-sena preċedenti kif ukoll l-għadd ta' applikazzjonijiet *per capita* fl-Istati Membri li jibbenefikaw minn rilokazzjoni matul it-18-il xahar preċedenti meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni.

- **Kategoriji ta' applikanti li għandhom jiġu rilokati**

Huwa propost li l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi jiġi attivat biss fir-rigward ta' applikanti li, *prima facie*, huma fi bżonn evidenti ta' protezzjoni internazzjonali u li għalihom l-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi kien ikun responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 604/2013. Il-proposta tiddefinixxi dawn l-applikanti bħala dawk li jappartjenu għal nazzjonalitajiet li, abbażi tad-dejta trimestrali tal-Eurostat l-aktar reċenti, aġġornata u disponibbli, dwar il-medja fl-Unjoni kollha, ir-rata ta' rikonoxximent hija 75 % jew ogħla.

- **Deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f' każ ta' kriżi**

Skont il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' kriżi, l-applikazzjonijiet ta' dawn il-persuni jiġu eżaminati minn Stat Membru ieħor (l-Istat Membru ta' rilokazzjoni). F'każ bħal dan, tapplika l-proċedura ta' rilokazzjoni stipulata fl-Anness IV, b'deroga mill-Artikoli 21, 22 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

Il-proposta tistabbilixxi proċedura sempliċi ta' rilokazzjoni, sabiex jiġi żgurat it-trasferiment rapidu tal-persuni kkonċernati lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Kull Stat Membru jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali u jikkomunikah lill-Istati Membri l-oħra u lill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (l-EASO).

L-Istati Membri jindikaw, f'intervalli regolari, u tal-inqas kull tliet xhur, in-numru ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati malajr fit-territorju tagħhom u kull informazzjoni rilevanti oħra. L-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni, bl-assistenza tal-EASO, u, meta applikabbli, tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri l-oħra, imbagħad jidentifika l-applikanti individwali li jistgħu jiġu rilokati u jipproponi lill-Istati Membri l-oħra li dawn l-applikanti jiġu rilokati fit-territorju tagħhom. Meta jsir dan, għandha tingħata prijorità lill-applikanti vulnerabbli. Wara l-approvazzjoni tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni, deċiżjoni formali biex ikun rilokat applikant teħtieġ imbagħad li tittieħed mill-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni u tiġi nnotifikata lill-applikant. Il-proposta tispeċifika li l-applikanti li jkun jeħtieġ li jittieħdulhom il-marki tas-swaba' skont l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 ma jistgħux jiġu rilokati sakemm ma jkunux ittieħdulhom il-marki tas-swaba'. Il-proposta tispeċifika wkoll li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jiċħdu r-rilokazzjoni ta' applikant biss f'każ ta' tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku jew f'rabta ma' dispożizzjonijiet ta' esklużjoni stabbiliti fl-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2011/95/UE. Il-proposta tipprevedi li l-passi proċedurali kollha jridu jsiru malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn xahrejn mill-indikazzjoni mill-Istat Membru ta'

rilokazzjoni tan-numru ta' applikanti li jistgħu jkunu rilokati malajr. F'każ ta' diffikultajiet prattiċi ġustifikabbli, aktar derogi limitati huma previsti.

Il-proposta tinkludi garanziji speċifiċi għall-applikanti li huma soġġetti għal rilokazzjoni fi Stat Membru ieħor. Il-proposta tispeċifika d-dritt li tingħata informazzjoni dwar il-proċedura tar-rilokazzjoni, id-dritt li tingħata notifika dwar id-deċiżjoni ta' rilokazzjoni li trid tispeċifika l-Istat Membru speċifiku ta' rilokazzjoni, u d-dritt għal rilokazzjoni mal-membri tal-familja fl-istess Stat Membru ta' rilokazzjoni. L-obbligu li tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aqwa ġid tat-tfal kif stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 jibqa' applikabbli meta jkun qiegħed jiġi deċiż l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Dan jimplika *inter alia*, l-obbligu għal Stat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni li jindika lill-Istati Membri l-oħra meta l-applikant li jrid jiġi rilokat huwa minorenni mhux akkumpanjat u, flimkien mal-Istat Membru li wera interess fir-rilokazzjoni ta' dan il-minorenni, jiżguraw li qabel isseħħ ir-rilokazzjoni, titwettaq evalwazzjoni dwar l-aqwa ġid tat-tifel / tifla, f'konformità mal-Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) tal-Kumitat tan-NU dwar id-drittijiet tat-tfal li għandu jkollhom l-aqwa ġid tagħhom ikkunsidrat bħala l-ewwel ħaġa[11].

- **L-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi**

Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet għal rilokazzjoni huma sodisfatti fir-rigward ta' Stat Membru partikolari, tadotta att delegat għall-attivazzjoni tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni. Dan l-att delegat għandu (a) jaċċerta li hemm sitwazzjoni ta' kriżi fl-Istat Membru li jibbenefika mir-rilokazzjoni; (b) jiddetermina n-numru ta' persuni li jiġu rilokati minn dak l-Istat Membru; (c) jiddetermina t-tqassim ta' dawk il-persuni bejn l-Istati Membri billi japplika l-formula għal koeffiċjent tat-tqassim , u (d) jistabbilixxi l-perjodu tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi. L-att delegat jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu massimu ta' xahar min-notifika tiegħu mill-Kummissjoni. L-att delegat jista' jkun applikabbli għal perjodu massimu ta' sentejn.

- **Il-metodu għall-iffissar tan-numru ta' persuni li jiġu rilokati**

Il-proposta tipprovdi għal indikaturi oġġettivi u verifikabbli li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta jkun qed jiġi determinat, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' att delegat li jattiva l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi fir-rigward ta' Stat Membru partikolari, in-numru ta' persuni li għandhom jiġu rilokati minn dak l-Istat Membru u b'mod partikolari: In-numru ta' applikanti *per capita* fl-Istat Membru li jibbenefika mir-rilokazzjoni fit-18-il xahar, u b'mod partikolari fis-sitt xhur, qabel l-adozzjoni ta' att delegat meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni; il-kapaċità tas-sistema tal-ażil ta' dak l-Istat Membru; u l-parteċipazzjoni tal-Istat Membru f'inizjattivi ta' solidarjetà preċedenti kif ukoll sa fejn l-Istat Membru jkun ibbenefika minn miżuri preċedenti ta' solidarjetà tal-UE.

Barra minn hekk, limitu massimu għall-persuni li jiġu rilokati huwa stabbilit, jiġifieri 40 % tal-għadd ta' applikazzjonijiet ippreżentati ma' dak l-Istat Membru matul is-sitt xhur ta' qabel l-adozzjoni tal-att delegat.

- **Regoli speċifiċi f'każ li Stat Membru jkun temporanjament inkapaċi li jieħu sehem fir-rilokazzjoni tal-applikanti**

[11] http://www2.ohchr.org/English/bodies/crc/docs/GC/CRC_C_GC_14_ENG.pdf .

Peress li ċirkostanzi eċċezzjonali ma jistgħux ikunu eskluży, il-proposta tipprevedi li Stat Membru jista', fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jattiva l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni, jinnotifika lill-Kummissjoni, waqt li jagħti raġunijiet iġġustifikati kif xieraq kompatibbli mal-valuri fundamentali tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li ma jkunx jista' temporanjament jieħu sehem, kompletament jew parzjalment, fir-rilokazzjoni tal-applikanti, għal perjodu ta' sena. L-Istat Membru minflok għandu jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-UE li tammonta għal 0,002 % tal-PDG biex tkopri l-assistenza li tappoġġja l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri l-oħra kollha biex ilaħħqu ma' sitwazzjoni ta' kriżi u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' sehem ta' tali Stat Membru fir-rilokazzjoni. Fil-każ ta' parteċipazzjoni parzjali f'din ir-rilokazzjoni, dan l-ammont għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali. Dan l-ammont għandu jiġi allokat għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni bħala dħul assenjat.

Għandu jkun żgurat li l-livell ta' solidarjetà mal-Istat Membru fi kriżi, f'termini tan-numru ta' persuni li jiġu rilokati, jibqa' mhux affettwat. Għalhekk, l-allokazzjonijiet skont il-koeffiċjent tat-tqassim li kienu previsti għal kull Stat Membru li jkun għamel notifika aċċettata mill-Kummissjoni għandhom jerġgħu jitqassmu lill-Istati Membri l-oħra.

Il-proposta tipprovdi li l-att delegat li jattiva l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni għandu, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ikun emendat.

- **Miżuri komplementari li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni**

Billi tirrifletti ż-żewġ prinċipji ta' solidarjetà u responsabbiltà, il-proposta tistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri li jibbenefikaw minn rilokazzjoni li jippreżentaw lill-Kummissjoni, fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat, pjan direzzjonali b'miżuri biex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi. F'każ li Stat Membru jkun intalab mill-Kummissjoni biex ifassal pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżi, skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, il-miżuri mmirati biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni jiġu ppreżentati bħala parti minn dan il-pjan ta' azzjoni, li għandu jinkludi miżuri usa' relatati mal-ażil immirati lejn, *inter alia*, it-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema tal-ażil tiegħu. Barra minn hekk, il-proposta tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni għall-benefiċċju ta' Stat Membru jekk dan jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-proposta tfakkar ir-regoli applikabbli biex ikunu prevenuti u kkonfrontati sitwazzjonijiet ta' ċaqliq sekondarju minn applikanti għal protezzjoni internazzjonali u benefiċjarji ta' tali protezzjoni u tipprevedi regoli ġodda f'każ ta' ċaqliq sekondarju ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li, wara li jkunu ġew rilokati, ikunu daħlu u qagħdu b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. B'mod partikolari, huwa previst li l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jieħu lura benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li, wara li jkun ġie rilokat, japplika fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' rilokazzjoni mingħajr dokument ta' residenza.

- **Kalkolu tal-koeffiċjent tat-tqassim**

1. Il-koeffiċjent tat-tqassim

a) Popolazzjoni - ponderazzjoni ta’ 40 %

b) PDG totali - ponderazzjoni ta’ 40 %

c) L-għadd medju ta’ applikazzjonijiet għall-użil matul il-ħames snin preċedenti għal kull miljun abitant b’limitu massimu ta’ 30 % tal-popolazzjoni u tal-PDG - ponderazzjoni ta’ 10 %

d) ir-rata tal-qgħad b’limitu massimu ta’ 30 % tal-popolazzjoni u tal-PDG - ponderazzjoni ta’ 10 %

2. Il-formula

$$\text{Effett tal-popolazzjoni}_{SM/SA} = \frac{\text{Popolazzjoni}_{SM/SA}}{\text{Popolazzjoni}_{UE+(32)}}$$

$$\text{Effett tal-PDG}_{SM/SA} = \frac{\text{PDG}_{SM/SA}}{\text{PDG}_{UE+(32)}}$$

$$\text{Effett tal-użil}_{SM/SA} = \min\left\{\frac{\frac{1}{\text{Medja (5 snin preċedenti) ta' applikanti għal kull miljun abitant}_{SM/SA}}}{\sum_{i=1}^{32}\frac{1}{\text{Medja(5 snin preċedenti) ta' applikanti għal kull miljun abitant}_{SM/SAi}}}, 30\%(\text{Effett popolazzjoni}_{SM/SA} + \text{Effett PDG}_{SM/SA})\right\}$$

$$\text{Effett tal-qgħad}_{SM/SA} = \min\left\{\frac{\frac{1}{\text{Rata tal-qgħad}_{SM/SA}}}{\sum_{i=1}^{32}\frac{1}{\text{Rata tal-qgħad}_{SM/SAi}}}, 30\%(\text{Effett popolazzjoni}_{SM/SA} + \text{Effett PDG}_{SM/SA})\right\}$$

$$\text{Kwota b'Limitu Massimu}_{SM/SA} = \text{Allokazzjoni} * (40\% \text{ Effett popolazzjoni}_{SM/SA} + 40\% \text{ Effett PDG}_{SM/SA} + 10\% \text{ Effett użil}_{SM/SA} + 10\% \text{ Effett qgħad}_{SM/SA})$$

$$\text{Kwota Residwa}_{SM/SA} = (\text{Allokazzjoni} - \sum_{i=1}^{32}\text{Kwota b'Limitu Massimu}_{SM/SAi}) * (50\% \text{ Effett popolazzjoni}_{SM/SA} + 50\% \text{ Effett PDG}_{SM/SA})$$

$$\text{Kwota Finali ta' Allokazzjoni}_{SM/SA} = \text{Kwota b'Limitu Massimu}_{SM/SA} + \text{Kwota Residwa}_{SM/SA}$$

$$\text{Sehem finali}_{SM/SA}\ (\text{koeffiċjent } \textit{de facto}) = \frac{\text{Kwota Finali ta' Allokazzjoni}_{SM/SA} * 100\%}{\text{Allokazzjoni}}$$

3. Il-kalkolu

Is-simulazzjoni ta’ hawn taħt hija maħsuba biex turi kif l-allokazzjoni ta’ 120 000 applikant lejn pajjiż X tiġi kkalkulata jekk l-Istati Membri u l-Istati assoċjati kollha (UE +) jipparteċipaw.

(a) Popolazzjoni

Sabiex jiġi kkalkulat l-effett tal-kriterju tal-popolazzjoni fuq il-koeffiċjent tat-tqassim, in-numru ta’ abitanti tal-pajjiż X huwa diviż bin-numru ta’ abitanti ta’ kull wieħed mit-28 Stat Membru u l-4 Stati Assoċjati (UE + = 32).

Eżempju:

Il-popolazzjoni tal-pajjiż X: 4 625 885; It-total tal-popolazzjoni UE +: 521 959 960

L-effett tal-popolazzjoni $_X = \frac{4.625.885}{521.959.960} = 0{,}89\ \%$

L-effett ta’ dan il-kriterju ta’ popolazzjoni fuq il-koeffiċjent tat-tqassim għall-pajjiż X huwa ta’ 0,89 %.

(b) Total tal-PDG

Sabiex jiġi kkalkulat l-effett fuq il-kriterju tat-total tal-PDG fuq il-koeffiċjent tat-tqassim, in-numru ta' abitanti tal-pajjiż X huwa diviż bin-numru ta' abitanti ta' kull wieħed mit-28 Stat Membru u l-4 Stati Assoċjati (UE + = 32).

Eżempju:

It-total tal-PDG tal-pajjiż X (f'miljuni ta' EUR): 185.411; Is-somma tat-total tal-PDG tal-UE+ (f'miljuni ta' EUR): 14.854.924

L-effett tal-PDG $_x = \frac{185.411,7}{14.854.924} = 1,25\%$

L-effett ta' dan il-kriterju tal-PDG fuq il-koeffiċjent tat-tqassim għall-pajjiż X huwa ta' 1,25%.

(c) L-għadd medju ta' applikazzjonijiet għall-ażil matul il-ħames snin preċedenti għal kull miljun abitant b'limitu massimu ta' 30 % tal-effett tal-popolazzjoni u tal-PDG - ponderazzjoni ta' 10 %

(Effett invers)

L-effett tal-applikazzjonijiet għal ażil fuq il-koeffiċjent tat-tqassim huwa proporzjonali b'mod invers, jiġifieri aktar ma jkun għoli n-numru ta' applikazzjonijiet għall-ażil, inqas inkun il-fattur.

Sabiex jiġi evitat li dan il-kriterju jkollu effett sproporzjonat fuq il-koeffiċjent kollu, ikun applikat limitu massimu, li bih il-valur tal-effett tal-applikazzjonijiet għall-ażil ma jistax jaqbeż 30 % tat-total tal-effett tal-popolazzjoni u tal-PDG.

Eżempju:

L-għadd medju ta' applikazzjonijiet għall-ażil matul ħames snin għal kull miljun abitant fil-pajjiż X: 287 pajjiż X: 287, Valur invertit $\frac{1}{287} = 0,00348$.

It-total tal-għadd medju ta' applikazzjonijiet għall-ażil matul ħames snin għal kull miljun abitant għall UE+ kollha (valur invertit): 0,14831

L-effett tal-ażil $_x = \frac{\frac{1}{287}}{0,14831} = \frac{0,00348}{0,14831} = 2,35\ \%$

Limitu massimu$_x$ = 30 % (0,89 % (effett tal-popolazzjoni) + 1,25 % (effett tal-PDG)) = 0,64 %

L-effett reali tal-kriterju tal-applikazzjonijiet għall-ażil għall-pajjiż X huwa ta' 2,35 %, iżda l-valur tal-limitu massimu (0,64 %) jiġi applikat għall-kalkolu tal-koeffiċjent.

(d) Ir-rata tal-qgħad b'limitu massimu ta' 30 % tal-effett tal-popolazzjoni u tal-PDG - ponderazzjoni ta' 10 %

Bħal fil-każ tal-kriterju tal-applikazzjonijiet għall-ażil, l-effett tar-rata tal-qgħad fuq l-iskema hija proporzjonali b'mod invers, jiġifieri aktar ma tkun għolja r-rata, aktar ikun baxx il-fattur. Sabiex jiġi evitat li dan il-kriterju jkollu effett sproporzjonat fuq il-koeffiċjent kollu, ikun

applikat limitu massimu, li bih il-valur tal-effett tar-rata tal-qgħad ma jistax jaqbeż it-30 % tat-total tal-effett tal-popolazzjoni u tal-PDG.

Eżempju:

Rata tal-qgħad fil-pajjiż X: 11,3 %, Valur invertit: $\frac{1}{11,3}$= 0,0884955

It-total tar-rati tal-qgħad kollha fl-UE + (valur invertit): 4,345698

Effett tar-rata tal-qgħad $_{x}$ = $\frac{0,0884955}{4,345698}$ = 2,04 %

Limitu massimu ta' 30 %$_{x}$ = 0,64 %

L-effett reali tal-kriterju tar-rata tal-qgħad għall-pajjiż X huwa ta' 2,04 %, iżda l-valur tal-limitu massimu (0,64 %) jiġi applikat għall-kalkolu tal-koeffiċjent.

(e) Allokazzjoni b'limitu massimu ta' 120 000 applikant għall-pajjiż X

Eżempju:

Allokazzjoni$_{x}$ = 120 000 * (effett tal-popolazzjoni ta' 40 % (0,89 %) + effett tal-PDG ta' 40 % (1,25 %) + effett tal-applikazzjonijiet għalażil (b'limitu massimu) ta' 10 % – 0,64 % + effett tar-rata tal-qgħad (b'limitu massimu) ta' 10 % – 0,64 %) = 1178

Allokazzjoni b'limitu massimu għall-pajjiż X: 1178

(f) L-allokazzjoni għall-postijiet li fadal

Minħabba l-limitu massimu, se jkun hemm ċertu numru ta' postijiet li jifdal li jeħtieġ li jkunu allokati. Id-distribuzzjoni ta' dawk il-postijiet se tkun ibbażata fuq l-effett tal-popolazzjoni u tal-PDG (nofs bin-nofs) għal pajjiż partikolari. L-għadd ta' postijiet li jifdal huma mbagħad miżjuda mal-allokazzjoni b'limitu massimu.

Eżempju:

Allokazzjoni b'limitu massimu għall-pajjiż X: 1178;

It-total tal-allokazzjonijiet b'limitu massimu għall-pajjiżi kollha tal-UE+: 102.801;

Postijiet li fadal li għad iridu jiġu allokati: 17.199

Postijiet residwi$_{x}$ = 17 199 * (50 % tal-effett tal-popolazzjoni + 50 % tal-effett tal-PDG) = 17.199* 1,07% = 184

L-allokazzjoni finali tal-applikanti għall-pajjiż X hija ta' 1362, u l-koeffiċjent huwa ta' 1,13 %

2015/0208 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti Nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, abbażi ta' kriterji oġġettivi stipulati fil-Kapitolu III**.**

(3) F'konformità mal-Artikolu 80 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, tal-asil u tal-immigrazzjoni u tal-implimentazzjoni tagħhom, għandhom jiġu rregolati mill-prinċipji tas-solidarjetà u tat-tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, u l-atti tal-Unjoni adottati f'dan il-qasam iridu jinkludu l-miżuri xierqa sabiex dan il-prinċipju jkollu effett.

(4) Sitwazzjonijiet ta' pressjoni estrema fuq is-sistema tal-asil ta' Stat Membru jistgħu jpoġġu fil-periklu l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013. Filwaqt li f'dan ir-Regolament huwa previst proċess għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet tal-asil, dan ma jippermettix li f'sitwazzjonijiet bħal dawn tingħata deroga fuq il-kriterji stabbiliti ta' responsabbiltà. Sabiex jiġi promoss bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw dawn is-sitwazzjonijiet ta' kriżi u biex jiġi żgurat aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, għandu għalhekk ikun stabbilit mekkaniżmu f'każ ta' kriżi għar-rilokazzjoni ta' applikanti fi

bżonn evidenti ta’ protezzjoni internazzjonali. L-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ rilokazzjoni fir-rigward ta’ Stat Membru partikolari għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li japplika b’mod parallel l-Artikolu 33(3) ta’ dan ir-Regolament għall-istess Stati Membri. L-Artikolu 33(3) ta’ dan ir-Regolament mhuwiex prerekwiżit għall-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ rilokazzjoni.

(5) L-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ rilokazzjoni fir-rigward ta’ Stat Membru partikolari għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kunsill jadotta miżuri proviżorji wara proposta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78(3) f’każ ta’ sitwazzjoni ta’ emerġenza fi Stat Membru kkaratterizzata minn dħul f’daqqa ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi.

(6) Il-mekkaniżmu ta’ rilokazzjoni f’każ ta' kriżi għandu jitqies fil-kuntest ta’ sett usa’ ta’ miżuri li l-Istati Membri jista’ jkollhom bżonn japplikaw biex jiżguraw linji politiċi effettivi dwar il-migrazzjoni, inkluż fil-qasam tal-ewwel akkoljenza u r-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ma jkollhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE (“hotspots”).

(7) Evalwazzjoni komprensiva tar-Regolament ta’ Dublin, li tista’ twassal għal rieżami usa’ tas-sistema ta’ Dublin, qed titwettaq bħalissa mill-Kummissjoni.

(8) Hija prevista sistema ta' rilokazzjoni ċara u li tiffunzjona bbażata fuq il-limitu tar-rata medja, fil-livell tal-Unjoni, tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali fil-proċeduri waqt l-ewwel istanza kif definit mill-Eurostat mill-ammont totali, fil-livell tal-Unjoni, ta’ deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-ażil għall-protezzjoni internazzjonali meħuda fl-ewwel istanza abbażi tal-aħħar statistiċi disponibbli. Minn naħa, dan il-limitu għandu jiżgura kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti kollha fi bżonn evidenti ta’ protezzjoni internazzjonali jkunu f’pożizzjoni li jgawdu b'mod sħiħ u malajr id-drittijiet tagħhom ta’ protezzjoni fl-Istat Membru ta’ rilokazzjoni. Min-naħa l-oħra, ikun jimpedixxi, kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti li x’aktarx li l-applikazzjoni tagħhom tkun soġġetta għal deċiżjoni negattiva jiġu rilokati fi Stat Membru ieħor, u għaldaqstant itawlu b’mod mhux dovut il-permanenza tagħhom fl-Unjoni. Għandu jintuża limitu minimu ta’ 75 %, ibbażat fuq id-dejta trimestrali tal-Eurostat l-aktar reċenti, aġġornata u disponibbli għal deċiżjonijiet tal-ewwel istanza.

(9) Rilokazzjoni tal-applikanti fi bżonn evidenti ta’ protezzjoni internazzjonali għandha ssir abbażi tal-formula għal koeffiċjent tat-tqassim stabbilit fl-Anness III. Il-koeffiċjent tat-tqassim propost għandu jkun ibbażat fuq: a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta’ 40 %), b) it-total tal-PDG (ponderazzjoni ta’ 40 %), c) l-għadd medju ta’ applikazzjonijiet għall-ażil għal kull miljun abitant tul il-perjodu 2010-2014 (ponderazzjoni ta’ 10 %, b’limitu massimu ta’ 30 % tal-effett tal-popolazzjoni u tal-PDG fuq il-koeffiċjent, biex ikunu evitati effetti sproporzjonati ta’ dan il-kriterju fuq id-distribuzzjoni kumplessiva) u d) ir-rata tal-qgħad (ponderazzjoni ta’ 10 %, b’limitu ta’ 30 % tal-effett tal-popolazzjoni u tal-PDG fuq il-koeffiċjent, biex ikunu evitati effetti sproporzjonati ta’ dan il-kriterju fuq id-distribuzzjoni kumplessiva).

(10) Meta, f’ċirkostanzi eċċezzjonali, Stat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni, waqt li jagħti raġunijiet iġġustifikati kif xieraq kompatibbli mal-valuri fundamentali tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li temporanjament ma jistax jieħu sehem, kompletament jew parzjalment, fir-rilokazzjoni tal-applikanti, għal perjodu ta’ sena, minflok huwa għandu jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-UE li tammonta għal 0,002 % tal-PDG biex ikopri l-assistenza li

tappoġġja l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri l-oħra kollha biex ilaħħqu ma' sitwazzjoni ta' kriżi u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' sehem ta' tali Stat Membru fir-rilokazzjoni. Fil-każ ta' sehem parzjali f'din ir-rilokazzjoni, dan l-ammont għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali. Dan l-ammont għandu jiġi allokat għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni bħala dħul assenjat.

(11) Għandu jkun żgurat li l-livell ta' solidarjetà mal-Istat Membru kkonfrontat b'sitwazzjoni ta' kriżi, f'termini tan-numru ta' persuni li jiġu rilokati, jibqa' mhux affettwat. Għalhekk, l-allokazzjonijiet skont il-koeffiċjent tat-tqassim li kienu previsti għal kull Stat Membru li jkun għamel notifika li tkun ġiet aċċettata mill-Kummissjoni, għandhom jerġgħu jitqassmu lill-kumplament tal-Istati Membri.

(12) Jeħtieġ li jiġi żgurat li tiġi stabbilita proċedura rapida ta' rilokazzjoni u li l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' rilokazzjoni tkun akkumpanjata minn kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib bejn l-Istati Membri u minn appoġġ operattiv li jingħata mill-EASO.

(13) Is-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubbliku għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni matul il-proċedura ta' rilokazzjoni, sakemm it-trasferiment tal-applikant jiġi implimentat. B'rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali tal-applikant, inklużi r-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-dejta, meta Stat Membru jkollu raġunijiet raġonevoli biex jikkunsidra applikant bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

(14) Meta jkun qed jiġi deċiż liema applikanti fi bżonn evidenti ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rilokati mill-Istati Membri li jibbenefikaw mir-rilokazzjoni, għandha tingħata prijorità lill-applikanti vulnerabbli skont l-Artikoli 21 u 22 tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. F'dan ir-rigward, il-bżonnijiet speċjali tal-applikanti, inkluża s-saħħa, għandhom jingħataw l-ewwel l-importanza. L-aqwa ġid tat-tfal għandu dejjem ikun ikkunsidrati l-ewwel.

(15) L-integrazzjoni ta' applikanti fi bżonn evidenti ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà ospitanti hija l-pedament ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li taħdem sew. Għalhekk, sabiex jiġi deċiż liema Stat Membru speċifiku għandu jkun l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċifika għall-kwalifiki u l-karatteristiċi speċifiċi tal-applikanti kkonċernati, bħalma huma l-ħiliet lingwistiċi tagħhom u indikazzjonijiet oħra individwali bbażati fuq rabtiet familjari, kulturali jew soċjali evidenzjati li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Barra minn hekk, fil-każ ta' applikanti partikolarment vulnerabbli, għandha titqies il-kapaċità li jkollu l-Istat Membru ta' rilokazzjoni biex jagħti appoġġ adegwat lil dawn l-applikanti u n-neċessità li jkun żgurat tqassim ta' dawk l-applikanti fost l-Istati Membri. B'rispett dovut tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, l-Istati Membri ta' rilokazzjoni jistgħu jindikaw il-preferenzi tagħhom għall-applikanti abbażi tal-informazzjoni li tinsab aktar 'il fuq, li abbażi tagħhom l-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni, f'konsultazzjoni mal-EASO u, fejn huwa applikabbli, mal-uffiċjali ta' kollegament jistgħu jfasslu listi ta' applikanti possibbli identifikati għar-rilokazzjoni lejn dak l-Istat Membru.

(16) Il-ħatra mill-Istati Membri ta' uffiċjali ta' kollegament fl-Istat Membru li jibbenefika mir-rilokazzjoni għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta'

[12] Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).

rilokazzjoni, inkluża l-identifikazzjoni xierqa tal-applikanti li għandhom jiġu rilokati, billi b'mod partikolari jiġu kkunsidrati l-vulnerabilità u l-kwalifiki tagħhom. Fir-rigward kemm tal-ħatra ta' uffiċjali ta' kollegament fl-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni kif ukoll tat-twettiq tal-kompiti tagħhom, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni u l-Istat Membru li jibbenefika mir-rilokazzjoni għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha u jkomplu jikkooperaw mill-qrib fil-proċedura ta' rilokazzjoni.

(17) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi evitat iċ-ċaqliq sekondarju ta' persuni rilokati mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni lejn Stati Membri oħra. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom ikunu infurmati dwar il-konsegwenzi ta' moviment irregolari ulterjuri fi ħdan l-Istati Membri u dwar il-fatt li, jekk l-Istat Membru responsabbli jagħtihom protezzjoni internazzjonali, fil-prinċipju, huma intitolati biss għad-drittijiet marbutin mal-protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru.

(18) Sabiex jiġi evitat ċaqliq sekondarju ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw lill-benefiċjarji dwar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu legalment jidħlu u joqogħdu fi Stat Membru ieħor, u jistgħu jimponu obbligi ta' rappurtar. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li daħlu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' rilokazzjoni mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' permanenza f'dak l-Istat Membru l-ieħor jittieħdu lura mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni, huwa meħtieġ li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li ġew rilokati jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(19) Barra minn hekk, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fid-Direttiva 2013/33/UE, l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fost l-Istati Membri għandha tgħin biex tillimita ċ-ċaqliq sekondarju tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali influwenzat mill-varjetà ta' kundizzjonijiet għall-akkoljenza tagħhom. Bil-ħsieb li jintlaħaq l-istess għan, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jimponu obbligi ta' rappurtar u jipprovdu lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza li jinkludu akkomodazzjoni, ikel u ħwejjeġ, biss *in natura* kif ukoll, meta adattat, li jiżguraw li l-applikanti jiġu ttrasferiti direttament lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Bl-istess mod, matul il-perjodu ta' analiżi tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif previst fl-*acquis* ta' Schengen u dwar l-ażil, ħlief għal raġunijiet umanitarji serji, l-Istati Membri la għandhom jipprovdu lill-applikanti dokumenti nazzjonali tal-ivvjaġġar, u lanqas jagħtuhom inċentivi oħra, bħal dawk finanzjarji, li jistgħu jiffaċilitaw iċ-ċaqliq irregolari tagħhom lejn Stati Membri oħra. Fil-każ ta' ċaqliq irregolari lejn Stati Membri oħra, l-applikanti għandhom jintbagħtu lura lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

(20) Sabiex minnufih jittrattaw sitwazzjonijiet ta' kriżi li jirriżultaw minn pressjoni migratorja qawwija fuq is-sistema tal-ażil ta' Stati Membri speċifiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata wkoll lill-Kummissjoni anki biex tistabbilixxi l-applikazzjoni ta' miżuri ta' rilokazzjoni fir-rigward ta' Stat Membru partikolari kif ukoll biex tissospendi l-applikazzjoni ta' tali miżuri.

(21) Waqt l-eżerċitar tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex tissupera l-kamp ta' applikazzjoni tal-ivverifikar tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' rilokazzjoni kif ukoll tal-elementi l-oħra kif previsti fl-

Artikolu 33(a)4 u 33(d)2 ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(22) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

JEW

(21) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbuta bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.]

JEW

(21) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(22) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat (, permezz tal-ittra ta' ...,) ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

JEW

(21) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit innotifika (, permezz tal-ittra ta' ...,) ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(22) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(22) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-

adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(23) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2 jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"o) 'rilokazzjoni' tfisser it-trasferiment ta' applikant mit-territorju tal-Istat Membru li l-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament jindikawh bħala responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali ('l-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni') għat-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni;

p) 'Stat Membru ta' rilokazzjoni' tfisser l-Istat Membru li jsir responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, skont dan ir-Regolament, ta' applikant wara r-rilokazzjoni tiegħu jew tagħha fit-territorju ta' dan l-Istat Membru."

(2) Fl-Artikolu 4(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(g) meta jkun applikabbli, il-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita fit-Taqsima VII tal-Kapitolu VI."

(3) Fl-Artikolu 18(1), jiżdied il-punt li ġej:

" e) jieħu lura, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 23, 24, 25 u 29, benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li wara li jkun ġie rilokat, japplika fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, mingħajr dokument ta' residenza."

(4) Fil-Kapitolu VI, qed tiddaħħal it-Taqsima VII li ġejja:

"TAQSIMA VII

Il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi

Artikolu 33a

Il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi

1. Meta, abbażi ta' informazzjoni sostanzjata, b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura mill-EASO skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 u mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004*, il-Kummissjoni tistabbilixxi li Stat Membru jkun qed iħabbat wiċċu ma' sitwazzjoni ta' kriżi li tipperikola l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minħabba

pressjoni estrema kkaratterizzata minn dħul kbir u sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' apolidi, li titfa' piż sinifikanti fuq is-sistema tal-ażil tiegħu, il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi msemmi fil-paragrafu 2 jiġi applikat għall-benefiċċju ta' dan l-Istat Membru.

2. Taħt il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi, għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu analizzati mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni b'deroga mill-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 3(1) li jistipula li applikazzjoni tiġi analizzata mill-Istat Membru li l-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III jindikawh bħala responsabbli. Barra minn hekk, ir-regoli proċedurali dettaljati stabbiliti fl-Anness IV japplikaw, b'deroga mill-Artikoli 21, 22 u 29.

3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45 dwar l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi għall-benefiċċju ta' Stat Membru.

4. Fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha:

(a) tivverifika li hemm sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmija fil-paragrafu 1 fl-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni,

(b) tiddetermina l-għadd ta' persuni li jiġu rilokati minn dan l-Istat Membru,

(c) tiddetermina t-tqassim ta' dawn il-persuni bejn l-Istati Membri billi tapplika l-formula għal koeffiċjent tat-tqassim imsemmija fl-Artikolu 33b, u

(d) tistabbilixxi l-perjodu ta' applikazzjoni għall-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi.

5. Meta jkun qed jiġi vverifikat jekk hemmx sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-kriżi hija ta' kobor tali li titfa' pressjoni estrema anki fuq sistema tal-ażil imħejjija sew li qed titħaddem konformement mal-aspetti rilevanti kollha tal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil, filwaqt li tieħu wkoll inkonsiderazzjoni d-daqs tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-Kummissjoni, meta tagħmel din il-valutazzjoni tieħu inkonsiderazzjoni fost l-oħrajn, l-għadd totali ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll ta' dħul irregolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' apolidi matul is-sitt xhur ta' qabel l-adozzjoni tal-att delegat, kemm żdiedu n-numri meta mqabblin mal-istess perjodu tas-sena preċedenti kif ukoll l-għadd ta' applikazzjonijiet *per capita*, fl-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni, matul it-18-il xahar preċedenti meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni.

6. Sabiex jiġi stabbilit l-għadd ta' persuni li għandhom jiġu rilokati msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4, il-Kummissjoni tieħu inkonsiderazzjoni dan li ġej, b'mod partikolari:

(a) l-għadd ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali *per capita* fl-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni fit-18-il xahar, u b'mod partikolari fis-sitt xhur, li jippreċedu l-adozzjoni tal-att delegat meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni,

(b) il-kapaċità tas-sistema tal-ażil ta' dak l-Istat Membru, u

(c) is-sehem tal-Istat Membru f'inizjattivi ta' solidarjetà preċedenti kif ukoll sa liema punt l-Istat Membru jkun ibbenefika minn miżuri preċedenti ta' solidarjetà tal-UE.

L-għadd ta' persuni li għandhom jiġu rilokati ma jaqbiżx l-40 % tal-għadd ta' applikazzjonijiet li tressqu f'dak l-Istat Membru matul is-sitt xhur ta' qabel l-adozzjoni tal-att delegat.

Artikolu 33b

Il-koeffiċjent tat-tqassim

1. Ir-rilokazzjoni sseħħ skont il-formula għal koeffiċjent tat-tqassim kif stabbilit fl-Anness III.

2. Stat Membru jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 33a(3), jinnotifika lill-Kummissjoni li temporanjament ma jistax jieħu sehem, kompletament jew parzjalment, fir-rilokazzjoni ta' applikanti mill-Istat Membru li jibbenefika mir-rilokazzjoni, waqt li jagħti r-raġunijiet debitament iġġustifikati kompatibbli mal-valuri fundamentali tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tivvaluta r-raġunijiet mogħtija u tgħarraf lil dan l-Istat Membru bid-deċiżjoni. Meta l-Kummissjoni jirriżultalha li n-notifika tkun debitament iġġustifikata, l-Istat Membru jitneħħielu l-obbligu, għal perjodu ta' sena, li jieħu sehem fir-rilokazzjoni tal-applikanti, u minflok jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-UE li tammonta għal 0,002 % tal-PDG; f'każ ta' parteċipazzjoni parzjali fir-rilokazzjoni, dan l-ammont jitnaqqas b'mod proporzjonali. Din il-kontribuzzjoni tintuża biex tiffinanzja l-assistenza li tappoġġja l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri l-oħra kollha sabiex ilaħħqu mas-sitwazzjoni ta' kriżi u mal-konsegwenzi tan-nonparteċipazzjoni ta' dan l-Istat Membru fir-rilokazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar d-Deċiżjonijiet 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE[13]. Tikkostitwixxi dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[14].

   Il-Kummissjoni temenda l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 33a(3) sabiex tqassam mill-ġdid l-allokazzjonijiet skont il-koeffiċjent tat-tqassim li kienu previsti għal kull Stat Membru li jkun għamel notifika li tkun ġiet aċċettata mill-Kummissjoni skont l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu lill-bqija tal-Istati Membri, skont il-formula għal koeffiċjent tat-tqassim stabbilita fl-Anness III.

3. Is-sehem ta' Stat Membru f'rilokazzjoni skont il-koeffiċjent tat-tqassim tiġi sospiża meta dan l-Istat Membru jkun Stat Membru li jibbenefika mir-rilokazzjoni.

Artikolu 33c

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi

4. Ir-rilokazzjoni sseħħ biss fir-rigward ta' applikanti li jkunu ressqu l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru li qed iħabbat wiċċu ma'

[13] ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168.
[14] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

sitwazzjoni ta' kriżi li tissemma fl-Artikolu 33a(1) u meta dan l-Istat Membru kieku kien ikun responsabbli skont il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli stabbiliti fil-Kapitolu III.

5. Ir-rilokazzjoni tiġi applikata biss fir-rigward ta' applikanti li jappartjenu għal nazzjonalitajiet li għalihom, il-proporzjon tad-deċiżjonijiet li jagħtu l-protezzjoni internazzjonali minn fost id-deċiżjonijiet meħuda fl-ewwel istanza dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, kif imsemmi fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2013/32/UE huwa ta' 75 % jew aktar, skont id-dejta trimestrali tal-Eurostat l-aktar reċenti, aġġornata u disponibbli, dwar il-medja fl-Unjoni kollha. Fil-każ ta' persuni apolidi, il-pajjiż li qabel kien ir-residenza abitwali tagħhom jiġi kkunsidrat. L-aġġornamenti trimestrali jitqiesu biss fir-rigward ta' applikanti li ma jkunux diġà ġew identifikati bħala applikanti li jistgħu jiġu rilokati f'konformità mal-punt 3 tal-Anness IV.

Artikolu 33d

Miżuri komplementari li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni

1. L-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni jippreżenta, fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 33a(3), pjan direzzjonali lill-Kummissjoni b'miżuri li jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi. Meta applikabbli, dawn il-miżuri jiġu ppreżentati bħala parti minn pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet skont l-Artikolu 33(3). L-Istati Membri li jibbenefikaw minn rilokazzjoni jimplimentaw bis-sħiħ dawn il-miżuri.

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 45 biex tissospendi l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi għall-benefiċċju ta' Stat Membru meta l-Istat Membru li jibbenefika minn rilokazzjoni ma jikkonformax mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni l-ewwel tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu. Tali sospensjoni ma taffettwax it-trasferimenti ta' applikanti li jinsabu pendenti wara l-approvazzjoni tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni, skont il-punt 4 tal-Anness IV."

(5) Fl-Artikolu 45 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 33a u 33d tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament* – l-OPOCE għandu jibdilha mad-data eżatta]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, dejjem jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

7. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 33a u 33d tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din issir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma taffettwax il-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

8. Att delegat adottat skont l-Artikolu 33a u 33d jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew oġġezzjoni fi żmien ġimagħtejn min-notifika

ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jagħlaq dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’ġimagħtejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. L-att delegat ikun applikabbli għal perjodu massimu ta’ sentejn.”

(6) L-Annessi ġodda III u IV, kif stipulat fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni, jiġu miżjuda.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f’konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*